**10 ta' Jannar, 1964**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

**Danni — "Lucrum Cessans"**

**Art. 1088 — Kodiċi Ċivili**

Giuseppe Azzopardi

*versus*

Gio. Mario Sammut

*Il-kwantum tal "lucrum cessans" f'każ ta' feriment hu rimess lill-arbitrju prudenzjali tal-Qorti, li normalment il Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax.*

*Każ ta' bniedem li tilef għajn għax ġie milqut min tir ta' kaċċatur.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi fl-erbatax (14) ta' April, 1959, il-konvenut waqt li kien qiegħed idur għall-kaċċċja f'Sant Andrews spara u nvolontarjament, iżda minħabba nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb jew nuqqas ta' ħila, laqgħat lill-attur f'għajnu l-leminija u b'hekk ikkaġunalu lesjoni li ġiebet għat-telfien ta' vista fl-istess għajn; u peress illi minħabba f'hekk l-attur sofra danni konsistenti fi spejjeż ta' kura, telf ta' qliegħ imħabba inkapaċita parzjali permanenti, u danni oħra li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża, — talab li a) jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut minħabba l-ħtija tiegħu fuq imsemmija huwa responsabbili għad-danni li sofra l-attur kif fuq indikat; b) *jiġi likwidat l-ammont tad-danni li sofra* l-attur imħabba l-imsemmi inċident; c) il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont li jiġi hekk likwidat — bl-ispejjeż u bl-interessi legali mid-data tas-sentenza li tingħata.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sbatax (17) ta' Lulju, 1963 li biha qatgħet u ddeċidiet bil'i ddikjarat li l-konvenut kien ħati talli negliġentement waqt il-kaċċja spara *fid-direzzjoni tal-artijiet ta' l-attur* u laqtu b'ċomba f'għajnu l-leminija liema sparatura pprovokat inkapaċita ta' dika l-għajn jew parti funzjonali importanti tal-ġisem tal-instanti li għandu l-għajn l-oħra bil-vista naturalment menomata, illikwidat id-danni emerġenti għas-somma ta' tmientax il-lira u ħdax il-xelin (£18. 11s. 0d.) b'riserva għall-ispiża tal-kont tal-kommorazzjoni ta' l-attur fl-isptar kontra l-istess konvenut u dwar id-dannu dovut għall-

inkapaċita sofferta mill-instanti ffissat taħt il-konsiderazzjonijiet miġjuba fis-sentenza s-somma ta' sittin lira (£60. 0s. 0d.) u fl-aħħarnett ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur l-ammont ta' tmienja u sebgħajn lira u ħdax il-xelin (£78. 11s. 0d.) għad-danni fuq likwidati u msemmija.

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut — wara li kkunsidrat:—

Mil-provi li jinstabu miġbura fil-proċess jirriżultaw dawn il-fatti li huma s-sostrat tal-kawża odjerna. Fl-erbatax (14) ta' April 1959 l-attur, raġel ta' eta avanzata l-għaliex illum għandu sitta u sebgħajn (76) u għall-ħabta ta' l-inċident kellu tnejn u sebgħin (72) sena, f'xi siegħa qabel l-inżul tax-xemx kien fir-raba tagħhom u sama tir u ħass xi ħaġa f'għajnu u kif ġie milqgħut beda jgħajjat "Ajma" u fl-istess ħin bla ma ra lil ħadd beda jgħajjat:— "Hekk tisparaw" imma ma wieġbu ħadd. Meta mexa xi tlett passi oħra ra lill-konvenut xi tlettin pied jew anqas dahru ma' siġra waħħdu. Kif raħ indirizzaħ bil-kliem:— "Taf li lqattni f'għajni" u l-konvenut irisponda:— "Ilqagħttek?" F'idejħ dak il-ħin il-konvenut ma' kellux is-senter u kien fir-raba ta' ħaddieħor u minn hemm resaq ħdejh u offrielu biex jieħdu fuq bir jaħsel għajnu. Fil-fatt l-instanti mar b'saqajħ id-dar tiegħu jaħsel għajnu u kif kien qiegħel hekk jagħmel daħal għandu l-istess konvenut, li fuq suġġeriment tal-mara tal-istess instanti wasslu b'karozza tiegħu għand it-tabib. Waqt li kienu sejrin l-isptar, skond l-instanti, il-konvenut qallu:— "Missieri jaħti għax hu tella s-senter." Anki meta l-instanti kien rikoverat l-isptar mar jarah imma meta darba waqt il-viżita l-instanti qal lill-konvenut:— "Inthom ħassartuni, issa għajnuni xi ħaġa" il-konvenut ħa għalih u ma marx jaraħ aktar. L-instanti dam l-Isptar tlett ġimgħat u wara li ħareġ mill-Isptar kien

imur kull ġimgħa barra meta ma jiflaħx għal viżita u peress li huwa avanzat fl-eta k'en kkollu minn Saint Andrews, *fejn jgħammar ma' ibnu jikri karrozza*. Gie li mar ukoll bix-ċhar-a-banc. Xogħol kbir ma jistax jagħmel imħabba l-eta imma xi *faċċenda zgħira* jew xi ndukrar, jew jgħin fit-tagħbija ta' xi ħaġa. Il-konvenut għalkemm meta xehed ma għamel ebda ammissjoni iżda pero qal li dik innhar ta' l-inċident kien qiegħed idur għall-kaċċja u qal ukoll li kien spara fid-direzzjoni tar-raba tal-instanti imma mhux fid-direzzjoni minn fejn iltaqa ma l-attur meta kien ġie ferut f'għajnu u ammetta li meta spara s-summiena li kien laqgħet kienet waqgħet xi għaxar passi il bogħod minn *fejn iltaqa ma'* l-instanti. Qal li ma marx jara lill-attur aktar *l-isptar għax l-attur kien waħħal fih*. Qal ukoll li meta spara ma kienx sama sparaturi oħra. Qal ukoll li offra għoxrin *lira (£20)* lill-attur meta l-Avukat tiegħu bagħat għalih imma dan għamlu bla preġudizzju għax innega li sata laqtu. Jirriżulta minn Dottor Vincent Tabone li ċ-ċomba li għandu f'għajnu l-leminija pprovokat katarretta li ma tħallix lill-attur jara u li wkoll inċidentalment ma tippermettix l-eżami tal-fond ta' l-għajn u ġewwa l-istess għajn ġew prodotti lesjonijiet ta' mfjammazzjoni jew ta' deġenerazzjoni li biż-żmien għandhom l-effet li jipproduċu atrofija tan-nerv ottiku u presumibilment anki wkoll tar-*retina. In konsegwenza* t-tabib jaħseb li l-perċezzjoni u l-projezjoni tad-dawl ta' l-għajn offiża ta' l-attur naqsu ħafna u jaħseb ukoll *li n-nerv* ta' l-għajn ġie atrofizzat kif ukoll ir-retina.

Ikkunsidrat:—

Illi dwar ir-responsabilita dina l-Qorti tħoss li ċ-ċirkostanzi li fatto riżultati u dawk ir-raġunijiet li *semma* l-perit legali, li dina l-Qorti tagħmel tagħha jwasslu għallkonvinzjoni morali li kien il-konvenut li laqgħet aċċiden-

talment b'ċomba lill-instanti u partikolarment li l-attur qabel ma ġie milqgħut sama' biss tir wieħed u l-konvenut, li jgħid li waqqa' summiena b'tir wieħed sparat fid-direzzjoni ta' l-egħlieqi ta' l-attur ferut kif ukoll il-fatt li l-konvenut, li jattribwixxi l-feriment tal-attur lill-kaċċaturi oħra, fil-fatt ma fittex fl-inħawi ebda kaċċaturi meta ra lil-attur ferut sabiex ikun jista forsi jipprova dak li llum qiegħed isostni u barra minn dana l-konvenut meta spara fid-direzzjoni ta' għalqa ta' ħadieħor kien tenut jieħu prekawzjonijiet aktar mil'i kieku spara f'għalqa tiegħu.

Illi kwindi l-konvenut huwa responsabbli tal-ħsara li sofra l-attur.

Ikkunsidrat:—

Illi dwar il-likwidazzjoni tad-danni, fil-każi bħal dana in desamine jidħol normalment in operazzjoni l-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili. Dana l-artikolu, kif qal tajjeb il-perit ġudizzjarju, jikkontempla erba' kategoriji ta' danni u cioe:—

1. Il-perdita di fatto li l-att ikun direttament ikkaġuna lill-parti offiża.

2. L-ispejjeż li l-inġurjat jew l-offiż kien kostrett jinkorri in konsegwenza ta' l-istess dannu.

3. Il-perdita di fatto tas-salarju jew gwadanji oħra.

4. Il-perdita tal-gwadanji futuri li jitnisslu mill-inkapaċita permanenti totali jew parzjali li l-att offensiv ikun ġieb in konsegwenza tiegħu.

Illi l-konvenut fuq id-danni ssottometta li huwa se mai fil-każ konkret u in desamina għandu biss isofri l-ispejjeż

li l-offiż sata' nkorra n konsegwenza tal-stess dannu soffert u dana *l-għaliex l-instanti, li kien raġel inoltrat fl-eta,* ma kienx qiegħed jaħdem u kien qiegħed jgħix bil-pensjoni tax-xjuħ u ma kellux ebda tama jew speranza li jkun jista jaħdem. L-istess konvenut sostna wkoll li l-ebda telf effettiv ma sofra bl-inkapaċita li għandu u konsegwenza taloffiża riċevuta peress li dina biex tiġi konċess trid tkun materjali u effettiva.

Illi *in* kwantu għad-dannu emerġenti u ċioe għallispejjeż li l-attur sofra direttament mill-att antiġuridiku tal-konvenut jingħad li ma jistax ikun hemm kwistjoni fuqhom. L-instanti xened li kien imur kull ġimgħa l-Isptar u ġie li qabez xi ġimgħa imma ġie li mar f'xi okkażjoni oħra xi darbtejn f'gimgħa. Issa mill-jum li korra fl-erbatax (14) ta' April, 1959 sat-tlettin (30) ta' Ġunju, 1963 għaddew mitejn u dsatax (219) il-gimgħa. Peress li falla li jmur l-Isptar f'xi gimgħa dana huwa kompensat minn xi gimgħat fejn jirriżulta li mar darbtejn u kwindi "arbitrio boni viri" dina l-Qorti tiffissa li b'kollox mar xi mtejn u dsatax il-darba. Meta kien immur ġeneralment kien bixchar-a-banc minbarra għal xi tmien darbiet meta għal raġunijiet ta' saħħa kien kostrett imur b'Taxi u f'dawn l-okkażjonijiet kien jonfoq xi lira sterlina (£1) kull darba mentri meta mar bix-char-a-bank kien jonfoq xelin (1s.-) kull darba. Għalhekk l-instanti taħt dana l-każ nefaq b'kollox *tmien liri (£8) meta mar bit-Taxi u għaxar liri u ħdax*-il-xelin (£10. 11s. 0d.) meta mar bix-char-a-banc.

Illi kwantu għall-ispiża dovuta lil-Isptar dina l-Qorti ma tistax tillikwidaha l-għaliex l-attur qatt ma rċeva kont u kwindi ma tistax lill-attur ħlief issirlu riserva dwarha kontra l-konvenut fil-każ li huwa (l-attur) jirċevi għallkommorazjoni l-isptar il quddiem xi kont.

*Ikkunsidrat:—*

Illi dwar it-telf tal-vista jew aħjar dannu effettiv prodott mill-inkapaċita totali ta' l-użu tal-għajn il-leminija tal-attur jingħad li l-kwistjoni hija aktar fina, delikata u skabrusa. Infatti donnu jidher li l-liġi (art. 1088 tal-Kodici Civili) fil-każ ta' dannu kolpuż bħal dana in desamina tħares lejn l-inkapaċita prodotta mill-punto di vista ta' l-utilita ekonomika li tkun ġiet mitlufa in korrelazjoni mal-ħajja presenti tal-persuna offiża. F'dana l-estimu jew aħjar f'dina l-valutazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment in-natura u l-grad ta' nkapaċita u l-kondizzjoni tal-persuna offiża jridu jiġu kkunsidrati fil-kwadru mhux ta' regoli fissi u assoluti imma fl-isfond ta' dak il-kriterju prudenzjali mholli f'idejn il-Qorti u li s-sens ta' umanita jissuġġerixxi. Fi kliem ieħor biex il-Qorti toħroġ mit-teorija u tidħol fil-kamp prattiku tal-ħajja ta' kull jum dana t-Tribunal kif inhuwa presijedut iħoss li mhux ġust u eqwu li għax bniedem huwa ta' eta kbira u mhux kapaċi jaħdem ma għandu jkollu ebda dritt għal ebda "actual loss" jekk terza persuna b'att antiġuridiku tikkaġonalu nkapaċita, totali jew parzjali l-għaliex b'dawka l-inkapaċitajiet huwa jista jkun qiegħed isofri danni ekonomici, fis-sens li jkun irid jinqegħda bis-servizz ta' terzi sabiex ikollu dawk il-kumditajiet, li huwa kien jagħmel personalment qabel l-offiża riċevuta. Kien ġie deċiż (Tribunal Federali Svizzeru disgħa (9) ta' Mejju, 1906 De Frose vs. De Feldan, Monitore 1906 paġ. 896) li: "Il semplice fatto che il danneggiato non esercitasse alcuna professione, e vivesse di rendita, non vale da solo ad escludere un diritto di risarcimento per una parziale incapacita al lavoro, in riguardo al tempo avvenire ed alla possibilita di abbracciare una professione" u jekk dana huwa d-dritt ta' bniedem li jgħix bir-renti għandu anki jkun il-każ ta' bniedem fqir li biex jgħin ruħu ikun forsi 'l quddiem neċessitat li juża għajnejh biex jirgħa merħla nagħaġ jew biex jagħmel xi

*faċċenda zgħira, li minnha jista jissupplimenta dika l-pensjoni* zgħira li għandu jew li jgħin lil xi membru tal-familja tiegħu li jkun qiegħed iżommu u li kieku jitfgħu l-Imgieret fejn huwa ma jkunx irid imur jgħix b'limitazzjoni tal-liberta tiegħu, apparti, kif fuq intqal, li ma jkunx jista jagħmel dak li kien qiegħed jagħmel qabel l-inkapacita li jkun sofra u jkollu jqabbad lill-ħadieħor li biex iżommu jkun irid jieħu mingħandu parti jew it-totalita tal-pensjoni tax-xjuħ li *qiegħed jieħu mingħand* l-Istat.

Illi kwindi fid-dawl ta' dana li ntqal l-attur ħaqqu, skond dina l-Qorti kif inihija presjeduta dritt għall-"actual loss".

Illi l-kriterji li għandhom jiġu rigwardati għad-determinazzjoni ta' dana d-dannu huma dawk li tgħid il-liġi fl-art. 1088 (2) Kap. 23 u b'dawn il-kriterji dina l-Qorti tħoss li *ma għandiex tidħol il-proposta* transazzjoni magħmula bla preġudizzju u taħt ic-cirkostanzi risultati fil-kawża.

Illi l-eta avanzata ta' l-attur, il-grad ta' ħtija tal-konvenut li mhux għoli ħafna, il-kondizzjoni soċjali tal-instanti, l-inkapaċita parzjali kkaġonata u ż-żmien dwar l-isperanza ta' ħajja tal-instanti, fil-ħsieb kunsidrat ta' dina l-Qorti, fuq dana l-punt jissuġġerixxu s-somma ta' sittin lira (£60. 0s. 0d.).

Rat in-nota li biha l-attur appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi riformata fis-sens biss li tiġi revokata in kwantu illikwidat fis-somma ta' sittin lira (£60) d-danni dovuti lilu għall-inkapaċita soffer-ta minnu, billi minflok tiġi likwidata somma akbar bħala risarċiment tat-telf kollu attwali u futur dovut għall-istess inkapaċita u billi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont li jiġi hekk likwidat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta tal-konvenut li qal illi l-appell ta' l-attur għandu jiġi riġettat bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

L-appell hu limitat biss għall-kap tas-sentenza li bih l-ewwel Onorabbli Qorti ffissat fl-ammont ta' sittin lira (£60) d-danni dovuti lill-appellant għall-inkapaċita sofferta minnu minħabba l-lesjoni involuntarja li kkaġunalu l-appellat.

L-appellat akkwieta ruħu għal-kollox għas-sentenza appellata li, fil-konfront tiegħu, — salv biss l-appell ta' l-attur, — għaddiet f'ġudikat. Għalhekk il-kwistjoni jekk kienux dovuti legalment danni lill-appellat mill-attur ma tistax tkun aktar, bejn il-partijiet, oġġett ta diskussjoni. F'dan l-appell ta' l-attur dik il-kwistjoni trid titqies definitivament definita skond is-sentenza appellata, ċioe f'sens affermattiv. L-unika kwistjoni li tista tiġi kunsidrata hi biss jekk, assunta bħala bażi dik is-soluzzjoni, l-ammont likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti hux ragonevolment adegwat.

Din hi kwistjoni ta' diskrezzjonni u arbitriju prudenzjali li normalment din il-Qorti teżita li tiddisturba. Iżda fil-każ prezenti, wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, jidhrilha li l-ammont ta' sittin lira (£60) hu pjutost baxx u li ammont ta' mitt lira (£100) hu aktar adegwat.

Għalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tilqa l-appell ta' l-attur u tirriforma s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha fis-sens li tillikwida fl-ammont ta' mitt lira (£100) d-danni dovuti lill-attur għall-inkapaċita sofferta minnu u tikkundanna lill-appellat iħallas dak l-ammont flimkien

ma' l-ammont l-ieħor ta' tmintax il-lira u ħdax-il-xelin (£18. 11s. 0d.). L-ispejjez iħallashom il-konvenut.